# IL-MIXJA TAR-RANDAN 2023

## IT-TENTAZZJONI

**Il-bniedem ma jghix biss bil-hobz, izda b'kull kelma li torrog minn fomm Alla. Mattew 4:4**

Fuq gholja hdejn il-Bahar tal-Galilea, Gesu' ghallem lid-dixXipli tieghu talba unika – IL-MISSIERNA. Hija semplici u familjari bizzejjed li hafna nsara jistghu ma jindunawx bil-kliem hekk kif itennuhom. L-ahhar linja titlob li Alla jzommna 'l boghod mit-tentazzjoni u jehlisna minn kull hazen,

It-tentazzjoni hija esperjenza umana li stramba kemm hi stramba, It-tentazzjoni hija mehtiega biex nikbru spiritwalment, biex nuru li ahna nafu naghzlu bejn it-tajjeb u l-hazin. L-Iskrittura turina li Gesu' nnifsu kien ittentat. Hejja ruhu biex jaghti bidu ghall-ministeru tieghu bit-talb u is-sawm; kien wahdu fid-dezert. Hawn ix-xitan pogga quddiem Gesu' l-istess hwejjeg li jistghu jkunu ta' tentazzjoni ghalina: setgha, glorja u illuzjoni ta' kontrol. Gesu' jcanfru kull darba, u jikkwotalu l-Iskrittura u jaffermalu ghal darba darbtejn il-qawwa u l-glorja ta' Alla.

Ahna ma nkunux ittentati biex nibdlu l-gebel f'hobz jew nikkmandaw l-angli, it-tentazzjonijiet taghna huma aktar sottili. Fil-ktieb "The Srewtape Letters", ta' CS Lewis, demonju anzjan, jismu Srewtape, jikteb ittra lin-neputih demonju zaghzugh jismu Wormwood biex jevita li jittanta lill-bnedmin b'tentazzjonijiet goffi. Jiktiblu: " Tassew li l-aktar triq sigura ghal l-Infern hija dik ta' pass il-pass, gradwali – in-nizla bla skossi, minghajr hofor u minghajr sinjali li juru fejn wiehed sejjer."



L-akbar tentazzjonijiet u l-aktar perikoluzi ma humiex dawk prezentati bhala dnubiet kbar, izda huma dawk li bla ma nindunaw huma zghar u distruttivi. U jigri li dawk il-hwejjeg zghar, maz-zmien isiru hwejjeg kbar, ix-xquq fl-imhabba taghna lejn Alla jsiru qasmiet kbar li fl-ahhar mill-ahhar jifirduna Minnu.

Ix-xitan jaf jagixxi bil-mohbi, jahbi l-azzjonijiet tieghu b'mod ghaqli u jipperswadi lin-nies li huwa ma jezistix u li dak kollu li jinghad fuqu huwa mitiku jew immaginazzjoni. Ix-xitan jobghod lill-bniedem, ghalhekk jipprova jisirqu minn

idejn Alla. Izda l-bniedem ghandu difensur qawwi: lil Kristu Gesu’ li rebah lil Satana meta kien fid-dinja. Dawra ma’ l-evangelju juri lil Kristu jkecci lix-xitan kull meta iltaqa’ mieghu.

It-tentazjoni ma ghandhiex ghalfejn tbezzaghna. Kristu huwa maghna u r-rebha taghna tkun. Naharbu t-tentazzjoni dejjemu fil-boghod. Dan naghmluh bil-ghajnuna ta’ Kristu li jaghti l-ghajnuna tieghu lil min jitlobhielu.

Nghidulu: GESU’ JIENA NAFDA FIK.